

32003D0856

L 323/13

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.12.2003

**ID-DEĊIŻJONI Nru 2003/856/CFSP****tat-8 ta' Diċembru 2003****dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/210/CFSP dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/210/CFSP tal-11 ta' Marzu 2002 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(b), l-aħħar subparagrafu miġjub fih, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq il-*budget* għas-sena 2004,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Ammont ta' EUR 17,5 miljun li jkopri l-ispejjeż ta' l-operazzjoni ta' l-EUPM fl-2004 għandu jiġi finanzjat b'mod komuni mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-ġestjoni tan-nefqa finanzjata mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea speċifikata fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-proċeduri u r-regoli tal-Komunità li japplikaw għall-dak li għandu x'jaqsam mal-*budget* bl-eċċezzjoni li kull prefinanzjament m'għandux jibqa' propjetà tal-Komunità.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. FRATTINI

(<sup>1</sup>) ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 1.